**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 25 ta' Ġunju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 538/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mallia)**

**kontra**

**Bieke Vande Velde**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **Bieke Vande Velde** ta' sitta u għoxrin (26) sena, bint Marc Vande Velde u Leen D'Olivier, imwielda Gent, ġewwa l-Belgium, nhar is-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u residenti fl-indirizz numru mija u erbgħa u għoxrin (124), Weverystrant, Geraordbergen 9500, Belgium, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 592-890001151 li ġiet mressqa quddiemha akkużata talli fil-lejl ta' bejn id-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) sal-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1:00hrs), fl-indirizz numru tmienja u sebgħin (78), appartament numru erbgħa (4), Triq Dun Mikiel Xerri, Ħ'Attard u f'dawn il-Gżejjer Maltin:-

1. Volontarjament ħassret, jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, ċioe' proprjeta' numru tmienja u sebgħin (78), appartament numru erbgħa (4), Triq Dun Mikiel Xerri, Ħ'Attard, u dan għad-dannu ta'

Sandro Chetcuti, liema ħsara hija iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija fil-konfront tal-imputata, tapplika d-disposizjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputata ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta ta' nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), l-imputata debitament assistita rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietha bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tagħha u ngħatat biżżejjed żmien sabiex terġa' tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

L-imputata ammettiet l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u għalhekk fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tagħha għall-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, l-imputazzjoni ġiet sodisfaċentement pruvata skond il-liġi.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali tagħha li hija waħda netta, kif ukoll il-fatt li hija kkoperat bis-sħiħ mal-Pulizija waqt l-investigazzjonijiet tagħha. Qieset ukoll in-natura tar-reat li tiegħu l-imputata qegħda tinstab ħatja, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Ħadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni tal-parti leża li stqarret li d-danni kienu jammontaw għal tlett elef, mitejn u sebgħa u tletin ewro (€3,237) u li dawn tħallsu fl-intier tagħhom u għaldaqstant ddikjarat li m'għadx għandha iktar interess f'dawn il-proċeduri u li qegħda tirrinunzja għall-azzjoni kriminali safejn

din hija rinunzjabbli. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni, li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, mhux qegħda tinsisti fuq piena karċerarja.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 325(1)(a), kif ukoll l-Artikoli 15A, 412D, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputata **Bieke Vande Velde** ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, iżda peress li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk hija twettaq xi reat ieħor fi żmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista' tingħata sentenza għar-reat trattat f'dawn il-proċeduri.

In vista tad-dikjarazzjoni tal-parti leża, li ġiet kumpensata għad-danni magħmula, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara